**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Galea

*versus*

Kmandant tat-*Task Force et*

**Ordinanza dwar l-Isplussivi - Kap. 156 - Liċenzja - Rifjut - Att Amministrattiv - Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*L-attur aġixxa għaliex il-pulizija ċaħditu minn liċenza għal bejgħ ta' sustanzi kimiċi u espona illi d-deċiżjoni ta' Kumitat konsultattiv kienet nulla minħabba difetti u rregolaritajiet fil-komposizzjoni tal-Kumitat.*

*Hu paċifiku li l-kelma "jista'" f'disposizzjonijiet ta' din ix-xorta timplika aktar minn sempliċi fakoltà u hu bħala regola mistenni li min kien bil-liġi afdat bir-responsabbilità li jaġixxi b'doveri mposti fuqu bil-liġi, kellu jħoss li hekk għandu jaġixxi u fil-fatt hekk jagħmel. Il-fatt però li għal xi raġuni dik id-disposizzjoni fakoltattivà tal-liġi ma tkunx ġiet rispettata u segwita, ma tirrendix id-deċiżjoni amministrattiva fiha nfisha nulla u bla effett fil-liġi. Fil-każ in eżami allura hu ċar illi l-pariri u l-assistenza tal-kumitat ma kinux essenzjali għad-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti vestita bil-poter li temani l-liċenzji, u n-nuqqas ta' tali parir u assistenza jew difett, anke fir-rigward tal-kompetenza tal-persuni li jkunu jikkomponuh, bl-ebda mod ma jinfiċċjaw id-deċiżjoni ta' dik l-awtorità.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-Kumitat li l-aġir tiegħu l-appellant qed jittanta jinfiċċja ma jiddeċidi xejn fir-rigward ta' l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja* de quo. *Hu Kumitat purament konsultattiv li l-funzjoni tiegħu hi* expressis *li jassisti (*to assist*) l-awtoritajiet kompetenti li għandhom il-funzjoni deċiżjonali.*

*Ġie miċħud l-appell.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda b'din iċ-ċitazzjoni kontra l-Kmandant tat-*Task Force*, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tax-Xogħlijiet ilkoll bħala membri tal-Kumitat dwar l-Esplussivi u in rappreżentanza ta' l-istess Kumitat u l-Prim Ministru għal kull interess li jista' jkollu;

"Premess illi l-attur għandu negozju ta' bejgħ ta' sustanzi kimiċi u għandu *l-ħanut* f'numru 288, Triq San Pawl, il-Belt, u *huwa rreġistrat ma*' l-Awtoritajiet kompetenti;

*Premess illi* l-attur applika għal-liċenza biex jinnegozja f'*oxidizing agents, organic & inorganic compounds*, u *l-każ* tiegħu ġie eżaminat u ttrattat mill-Kumitat dwar l-Esplussivi maħtur a tenur ta' l-artikolu 23 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplussivi (Kapitolu 56);

Premess illi l-attur ma rċeva l-ebda komunikazzjoni bil-miktub, iżda ġie mgħarraf verbalment li t-talba tiegħu ma kinitx ser tiġi milqugħa għaliex intqal li dawn is-sustanzi jaqbdu u għaliex m'hemmx post fid-depost ta' Fort Mosta;

Premess illi l-imsemmi artikolu 23 (1) jipprovdi:

"*The President may appoint a committee consisting of three experts to assist the authorities in carrying out the foregoing provisions of this Part*";

*Premess* illi l-konvenuti Kmandant tat-*Task Force* Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tax-Xogħlijiet (jew ir rappreżentanti tagħhom) ġew maħtura biex iservu fuq l imsemmi Kumitat dwar l-Esplussivi bħala esperti bl-Avvi Legali 90 tal-1.2.1985 u Avviż Legali 664 ta' l-20.12.1986;

Premess illi l-istess tliet konvenuti huma l-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżna u għalhekk ma jistgħux ikunu fl-istess ħin "esperti" biex jassistu lilhom infushom;

Premess inoltre, illi l-istess konvenuti u r-rappreżentanti tagħhom magħżula biex iservu fuq dan il-Kumitat dwar l-Esplussivi u ċjoè s-Supretendent Carmelo Bonello u l-Ispettur John Agius, u Anthony Sammut tal-*Contribution Section* tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet ma jikkwalifikawx bħala "esperti" għall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 456 stante li mhumiex kompetenti fis-suġġett li jittratta l-materjal użat għall-piroteknika (*raw components*) u m'għandhomx il-ħila u t-taħriġ rikjest;

Premess illi għal dawn ir-raġunijiet l-imsemmi Kumitat dwar l-Esplussivi li eżamina u ttratta l-każ ta' l-attur fl-1986 kif kompost mill-imsemmija tliet konvenuti ma kienx kostitwit skond il-liġi minn "esperti";

Premess inoltre, illi l-ħatra tal-konvenuti fuq imsemmija saret fit-30 ta' Diċembru, 1986 (A.L. 663 ta' l-1986), waqt li l-ħatra ta' qabel dik saret fl-1 ta' Frar, 1985 (A.L. 90 ta' l-1985), u konsegwentement meta l-Kumitat eżamina l-każ ta' l-attur f'Settembru 1986, ma kienx regolarment kompost stante li l-ħatra għal żmien sena kienet skadiet u għalhekk l-imsemmi Kumitat kien eżawtorat;

L-attur għalhekk fit-talba tiegħu qal illi l-konvenut kellhom jgħidu għaliex dina l-Qorti ma kellhiex;

Tiddikjara l-eżami tal-każ ta' l-attur mill-Kumistat dwar l-Esplussivi u d-deċiżjoni ta' l-istess Kumitat (jekk deċiżjoni fil-fatt ġiet meħuda) nulli u bla ebda effett, previja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi Kumitat ma kienx konstitwit skond il-liġi u/jew kien

eżawtorat, u dan in vista tad-dati tal-ħatriet tal-membri biex iservu fuqu";

Il-konvenuti ħekk eċċepew:

"Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hija nulla, anzi ineżistenti għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, stante illi fil-konfront ta' wieħed mill-konvenuti ċ-ċitazzjoni odjerna ma kinitx pre-ammonita minn ittra uffiċjali jew minn protest *ai termini* ta' l-artikolu 460 tal-Kodiċi *ta' Organizzazzjoni* u Proċedura Ċivili;

Illi bla preġudizzju għas-*suċċepit* iċ-ċitazzjoni hija ukoll nulla stante illi mhux iffirmata minn Imħallef (ara fotokopji riċevuti mill-konvenuti hawn annessi u mmarkati *dokumenti* A, B, C u D) u għaldaqstant ma ġietx maħruġa minn Qorti skond il-liġi;

Illi bla preġudizzju għas-suċċepit iċ-ċitazzjoni hija ukoll nulla *stante illi l-okkju kompriż fid-dikjarazzjoni mhuwiex l*-istess wieħed indikat fiċ-ċitazzjoni annessa ma' l-istess dikjarazzjoni;

Illi inoltre, iċ-ċitazzjoni hija ukoll nulla stante li ħadd ma *jista' jieħu ebda proċeduri kontra* l-*President ta' Malta dwar dak* li jkun għamel *fil-qadi* tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu;

Illi bla preġudizzju għas-suċċepit *jeżisti karenza totali ta' interess* da parti tal-konvenut Prim Ministru li għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi wkoll bla preġudizzju għas-suċċepit iċ-ċitazzjoni *odjerna hija ntempestiva stante illi t-trattativi bejn il-partijiet*

għadhom għaddejjin u qatt ma ġew definittivament konklużi;

Illi bla preġudizzju u in subordinazzjoni *għas-suċċepit*, stante li l-Kumitat li eżamina t-talba ta' l-attur kien regolarment kostitwit (ara fotokopji hawn annessi u mmarkati *dokumenti* E, F u G), it-talba ta' l-atturi, ibbażata fuq:

"dikjarazzjoni li l-imsemmi Kumitat ma kienx kostitwit skond il-liġi u/jew kien eżawtorat u dan in vista tad-dati tal-ħatriet tal-membri biex iservu fuqu"

hija bla bażi u għandha tiġi miċħuda;

*Illi s-segwenti xhieda ndikati mill-attur huma* inammissibbli:

"Uffiċjali subalterni tal-konvenuti";

"Rappreżentant tad-Dipartiment ta' l-Industrija (*Standards Lab*)";

stante illi huwa naqas li jagħti l-ismijiet tax-xhieda li bi ħsiebu jipproduċi kif hu tassattivament rikjest fl-artikolu 156 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi huma m'għandhomx ibatu spejjeż";

B'sentenza tat-18 ta' Marzu, 1993, *il-Prim'Awla tal-Qorti* Ċivili ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Illi din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fl-ordni li fiha huma ngħataw;

Il-Qorti trid tagħmilha ċara mill-ewwel illi ma taqbel assolutament xejn ma' dak li jgħid l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, u senjatament fl-aħħar ta' l-istess, meta donnu jelimina b'daqqa ta' pinna, ir-rekwiżiti proċedurali kollha;

Din il-Qorti, kif ippresjeduta, hi l-ewwel waħda li lesta li ma tkunx riġidament formalistika, iżda ma tista' qatt tkun simplistika u tinjora n-neċessitajiet tar-regoli proċedurali;

Lanqas ma taqbel il-Qorti illi l-attitudini tagħha għandha tkun, kif donnu jippretendi l-attur, illi hija għandha tinjora kull eċċezzjoni li ma "tirribattix il-meritu tal-każ";

Il-proċedura hija l-għodda adoperabbli fil-proċeduri ġudizzjarji u filwaqt li ma tridx tiġi nterpretata riġidament iżżejjed, trid però tiġi osservata;

Fost dawn ir-regoli proċedurali hemm id-dettam kardinali illi bħala regola għandha tinġieb l-aqwa prova;

Fl-ewwel eċċezzjoni l-konvenuti eċċepew in-nullità taċ-ċitazzjon fil-konfront tal-Prim Ministru billi ċ-ċitazzjoni ma ġietx pre-ammonita b'att ġudizzjarju skond il-provvedimenti rilevanti tal-Kapitolu 12;

L-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tassattivament jirrikjedi l-preżentata ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra *b'mod* ċar. Mhux biss imma l-liġi anzi tgħid illi r-Reġistratur għandu

*jirrifjuta li jirċievi xi att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi* ppreżentat fir-Reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu;

Għalkemm iċ-ċitazzjoni ssemmi żewġ ittri uffiċjali u protest, però dawn ma ġewx esebiti u għalhekk il-Qorti ma *tistax tgħid* jekk *effettivament dawn* sarux *kontra l-Prim* Ministru ukoll jew inkella jekk sarux kontra l-membri tal-Kumitat dwar l-Esplussivi;

Inoltre, dawn l-atti jissemmew biss mhux fil-premessi, imma f'dik il-parti taċ-ċitazzjoni fejn l-attur jitlob illi ma' l-ispejjeż tal-kawża jiġu ukoll ikkunsidrati l-ispejjeż ta' l-atti ġudizzjarji li jipproċedu tali proċedura;

Huwa l-oneru ta' l-attur illi jipprova li l-proċedura ġiet segwita, u dan ċertament ma ġiex ippruvat f'dan il-każ u *għalhekk iċ-ċitazzjoni ma* tistax treġi fil-konfront tal-konvenut Prim Ministru;

It-tieni eċċezzjoni tgħid *illi ċ-ċitazzjoni hija* nulla billi mhijiex iffirmata minn Imħallef;

*Il-Qorti eżaminat iċ-ċitazzjoni u sabet illi effettivament* din tidher illi hija ffirmata minn Imħallef, għalkemm din il-Qorti ma tistax tgħid jekk il-firma saritx qabel jew wara d-data in kwistjoni, ċjoè d-data *immedjatament* wara *li ġiet* ippreżentata ċ-ċitazzjoni u qabel ma ħarġet għan-notifika;

Jidher illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-16 ta' Marzu, 1987, waqt illi l-firma ta' l-Onorevoli Imħallef Gulia ġġib id-data ta' l-24 ta' Marzu, 1987;

Ma' l-eċċezzjonijiet *tagħhom*, il-konvenuti annettew kopji ta' l-att taċ-ċitazzjoni li kienu rċevew. L-ebda waħda minn dawn il-kopji ma ġġib il-firma ta' l-Onorevoli Mħallef. Mhux biss, imma lanqas biss hu indikat min hu l-Imħallef li suppost iffirma tali ċitazzjoni;

Issa, f'dan il-każ, għalkemm huwa veru illi "l-ordni" imsemmi fl-artikolu 154 tal-Kapitolu 12 ma ġiex iffirmat mill-Qorti, però, għal dan id-difett ma jaħtix l-attur. Il-Qorti għalhekk jidhrilha li l-firma sussegwenti ta' l-Imħallef u l-fatt illi l-proċeduri tkomplew b'mod regolari sussegwentement għandu jissana tali difett;

It-tielet eċċezzjoni hija illi ċ-ċitazzjoni hija nulla stante li l-okkju kompriż fid-dikjarazzjoni mhuwiex l-istess wieħed indikat fiċ-ċitazzjoni annessa ma' l-istess dikjarazzjoni;

Kif diġà ntqal l-attur talab il-korrezzjoni relattiva għal dan il-punt u l-Qorti rriservat li tiddeċidi dwar dan f'dan l-istadju;

Din il-Qorti dejjem tieħu l-linja illi fejn tista' *ssalva att* ġudizzjarju ssalvah, u dan għal diversi raġunijiet. Ma jidhrilhiex, għalhekk, illi m'għandhiex tilqa' t-talba ta' l-attur f'dan is-sens billi l-korrezzjoni in kwistjoni ma tagħmel l-ebda differenza sostanzjali fil-meritu għall-każ in eżami;

Kwantu għar-raba' eċċezzjoni din hija lanjanza fis-sens illi ċ-ċitazzjoni hija nulla billi ħadd ma jista' jieħu ebda proċeduri kontra l-President ta' Malta dwar dak li jkun għamel fil-qadi tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu;

Din hija ta' natura differenti mill-eċċezzjonijiet preċedenti;

Il-Qorti rat illi l-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jispeċifika dak illi ma jistax jiġi sindikat minn dawn il-Qrati dwar l-operat tal-President ta' Malta f'ċirkostanzi determinati. Tali ċirkostanzi ma jissustux f'dan il-każ;

Dwar il-ħames eċċezzjoni ma tantx hemm x'jingħad, billi l-Prim Ministru diġà ġie ddikjarat bħala *mhux legalment ammissibbli* f'din il-proċedura a bażi ta' l-ewwel eċċezzjoni milqugħa minn din il-Qorti;

Is-sitt eċċezzjoni hi kontradetta mill-fatti riżultanti billi jidher *illi l-applikazzjoni* ta' l-attur effettivament ma ġietx milqugħa u għalhekk ma jistax jingħad illi t-talba tiegħu hija ntempestiva;

Is-seba' eċċezzjoni hija waħda dwar *il-meritu*:

*L-attur hawn jagħmel żewġ punti: l-ewwel illi l-persuni* nnominati ma kinux esperti u t-tieni illi d-dati tal-ħatriet tal-*membri li servew fuq* l-istess *kumitat jindikaw li l-istess kumitat* ma kienx regolarment kostitwit;

L-attur jilmenta l-ewwel illi r-rappreżentanti tal-Kmandant mat-*Task Force*, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tax-Xogħlijiet *mhumiex* esperti għall-finijiet tal-liġi in materja;

Din il-Qorti rat l-artikoli relattivi ta' l-Ordinanza dwar l-Esplussivi. Ma hemm l-ebda definizzjoni tal-kelma esperti;

Bl-Avviż Legali 90 ta' l-1985 u 663 ta' l-1986, il-persuni *fuq imsemmija jew rappreżentanti tagħhom ġew innominati* bħala tali esperti għall-finijiet ta' l-istess liġi;

Effettivament, il-liġi trid illi tali esperti *jassistu lill*-awtoritajiet kompetenti;

Issa, minn eżami akkurat tal-provi proċesswali u del resto mill-istess premessi taċ-ċitazzjoni, jidher *illi l-attur* ġie mgħarraf illi t-talba tiegħu *ma kinitx* ser tiġi milqugħa billi "*intqal* illi dawn is-sostanzi jaqbdu u għaliex ma kienx hemm post fid-Depost tal-Mosta";

Minn dan isegwi *illi* l-kwalità ta' l-esperti li kellhom jassistu lill-awtoritajiet ma kellha assolutament ebda piż fid-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet;

Huwa risaput *illi din* il-Qorti ma għandhiex tiġi mitluba li tagħti parir tagħha ħlief jekk tali parir hu konduċenti għal deċiżjoni dwar il-meritu. Konstatat illi l-presenza *jew azzjoni* posittiva ta' l-esperti *ma kellha* xejn x'taqsam mad-deċiżjoni in kwistjoni, il-Qorti mhix ser tippronunzja ruħha dwar il-kapaċità o meno ta' tali esperti;

Ċertament ma ġiex ippruvat illi tali deċiżjoni ttieħdet fuq parir tekniku. Jirriżulta anzi l-kuntrarju u għalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' tasal għall-konklużjoni illi *l*-attur ġie *b'xi mod* ippreġudikat mill-ħatra ta' tali esperti, dejjem fuq il-premessi *tiegħu* stess;

Jingħad illi fil-kors tax-xhieda saru al*legazzjonijiet* tendenti għal indikazzjoni*jiet ta*' diskriminazzjoni fil-konfront *ta'* l-attur, però dan mhux meritu ta' din il-kawża;

Dwar id-dati tan-nomina ta' l-istess esperti, konsegwentement, d*in il*-Qorti ma tarax utilità li tittratta in vista ta' dak fuq deċiż";

L-appellant jissottometti illi hu, u qablu missieru u nannuh, għandu *ħanut fi Triq San Pawl*, il-Belt, minn fejn jinbiegħu sostanzi kimiċi għall-użu differenti li jinstabu għall-bejgħ minn ħwienet oħra mxerrdin ma' Malta. Dawn is-sustanzi *li jvarjaw minn bażi tan-naftalina sa* kimiċi użati għal piro-teknika, sakemm ma jiġux imħallta, mhumiex ta' perikolu. Fil-fatt hawn ħafna ħwienet f'Malta mnejn wieħed jista' jixtri dawn l-affarijiet, *fatt dan li neċessarjament jinvolvi* l-ħażna ta' dawn l-affarijiet fil-ħanut kif ukoll it-trasport ta' dawn is-sostanzi fit-toroq;

L-appellant qed jikkontesta l-fatt li fl-1986 l-awtorità kompetenti u ċjoè il-Pulizija ċaħditu minn liċenzja li hu diġà *kellu fis-snin ta' qabel u li għandu bżonn* għan-negozju tiegħu u qed jimpunja d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Bord fil-każ tiegħu. Hu jikkonntesta ukoll il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti stess jiġu *nnominati bħala esperti* bl-iskop *li* jassistu *lilhom* infushom. Isostni li uħud minn dawn l-esperti ma jifhmux fil-materja;

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti għandhom jiġu arġinati fil-parametri ta' l-aggravji li fuqhom qed jibbaża l-appell tiegħu l-appellant. L-appellati ma appellawx mis-sentenza u għalhekk mhux il-każ illi din il-Qorti tikkunsidra l-ħafna eċċezzjonijiet minnhom issollevati u li ġew miċħuda mill-Ewwel Qorti. L-aggravju ta' l-appellant hu naturlment immirat kontra ċ-ċaħda mill-Ewwel Qorti ta' l-unika talba attriċi dedotta fiċ-ċitazzjoni. Sewwa li jiġi sottolineat li din it-talba hi biss għal dikjarazzjoni li l-eżami tal-każ ta' l-appellant mill-Kumitat dwar l-Esplussivi u d-deċiżjoni ta' l-istess Kumitat kienu nulli u bla effett fil-liġi. L-appellant qed jitlob li din l-unika domanda tiegħu tiġi milqugħa jekk hemm bżonn wara li jiġi ddikjarat mill-Qorti li l-imsemmi Kumitat ma kienx kostitwit skond il-liġi u/jew kien eżawtorat u dan in vista tad-dati tal-ħatriet tal-membri biex iservu fuqu;

Issa l-qofol tal-vertenza hu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23 (1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplussivi (Kapitolu 56) li fuqu l-appellant qed jibbaża l-azzjoni tiegħu u li jiddisponi: "*The President <u>may</u> appoint a Committee consisting of three experts <u>to assist</u> the authorities in carrying out the foregoing provisions of this Part*" (sottolinear tal-Qorti). Is-sottomissjonijiet kollha fl-aggravju li jirrigwardaw il-meritu taċ-ċaħda tal-liċenzja u għaliex l-applikazzjoni ta' l-appellant ma kellhiex tiġi rifjutata minħabba raġunijiet tekniċi jew xort'oħra u għaliex din kellha tiġi aċċettata kif kienet fi snin preċedenti huma għal kollox irrilevanti għall-fini tal-preżenti istanza. Dan għaliex dawn is-sottomissjonijiet kollha jmorru lil hinn mill-premessi għat-talba attriċi u t-talba nfisha;

Infatti, din il-Qorti kellha diffikultà biex tidentifika x'inhi sewwa n-natura ta' l-azzjoni attriċi. Ili azzjoni li aktar li tqarreb hu lejn stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva għaliex hu ċar illi l-ħruġ ta' liċenzja bħal dik li l-appellant qed jippretendi li għandu l-jedd għaliha hu indubbjament azzjoni ta' din ix-xorta. Infatti, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva hu llum espressament irregolat bl-artikolu 469A li jiddefinixxi għemil amministrattiv bħala li jfisser il-<u>ħruġ</u> ta' kull ordni, liċenzja, permess, eċċ. jew ir-<u>rifjut</u> għat-talba ta' xi permess li jsir minn awtorità pubblika iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess awtorità. Indubbjament, il-Kummissarju tal-Pulizija hu l-awtorità vestita bil-liġi bil-fakoltà u bil-poter li jikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' liċenzja bħal dik taħt eżami u biex jiddeċidi dwarhom. Din id-disposizzjoni tinvesti lill-Qrati ordinarji ta' kompetenza ċivili bil-ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi <u>għemil</u> amministrativ jew li jiddikjaraw dak l-<u>għemil</u> null, invalidu u mingħajr effett f'dawk il-każijiet li l-liġi stess tispeċifika. Disposizzjoni din li tattalja ruħha perfettament fit-talba attriċi anke jekk wieħed jikkunsidra illi din id-disposizzjoni ġiet miżjuda bl-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995,

u ċjoè wara li sehħew il-fatti meritu ta' din il-kawża u wara l-preżentata ta' din l-azzjoni. Hu veru li din id-disposizzjoni *wessgħet sewwa l-parametri li fihom hu possibbli li l-azzjoni* amministrattiva tiġi mistħarrġa u ddefinit iċ-ċirkostanzi meta u kif dan seta' jsir mill-Qrati. Ma hemmx għalfejn jingħad li dawn il-Qrati minn dejjem irritenew li kellhom il-ġurisidzzjoni li jissindikaw l-azzjoni amministrattiva u jiddikjarawha nulla u bla effett fil-liġi f'ċerti determinati ċirkostanzi bħal meta tkun ittieħdet in vjolazzjoni tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali jew kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-liġi. Il-kontenut u d-definizzjoni ta' l-artikolu 469A kif illum emendat, kellu allura *rilevanza kbira fl-interpretazzjoni tal-punt* ta' dritt involut f'din il-materja;

Dan qed jingħad għaliex għandu jkun ovvju, fl-ewwel lok, illi għemil amministrattiv jista' jkun biss sindakabbli mill-Qrati jekk dan ikun jirrigwarda att deċiżjonali ta' awtorità pubblika li jinvolvi l-ħruġ jew ir-rifjut f'dan il-każ, tal-liċenja mitluba. Jekk l-aġir ikkontestat ma jkunx ta' awtorità li tiddeċidi, il-Qorti ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni li tissindika dak l-operat. Fil-każ in *eżami jirriżulta ovvju minn qari* ta' l-artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 56 illi:

Il-Kumitat li l-aġir tiegħu l-appellant qed jittanta jinfiċċja ma jiddeċidi xejn fir-rigward ta' l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja *de quo*. Hu Kumitat purament konsultattiv li l-funzjoni tiegħu hi *expressis* li jassisti (*to assist*) l-awtoritajiet kompetenti li għandhom il-funzjoni deċiżjonali;

Dan ifisser *illi l-aġir ta' dan il-Kumitat ma jistax ikun* kwalifikat bħala għemil amministrattiv għall-finijiet tal-liġi. Infatti l-istess disposizzjoni tagħmilha ċara illi l-President "jista'" jaħtar dan il-Kumitat. Li jfisser ukoll li l-President, li naturalment jaġixxi fuq il-parir ta' l-Esekuttiv, jista' ukoll

jagħżel li ma jikkostitwihx;

Hu paċifiku li l-kelma "jista'" f'disposizzjonijiet ta' din ix-xorta timplika aktar minn sempliċi fakoltà u hu bħala regola mistenni li min kien bil-liġi afdat bir-responsabbilità li jaġixxi b'doveri *mposti fuqu bil-liġi, kellu jħoss li hekk għandu jaġixxi* u fil-fatt hekk jagħmel. Il-fatt però li għal xi raġuni dik id-disposizzjoni fakoltattiva tal-liġi ma tkunx ġiet rispettata u *segwita, ma tirrendix* id-deċiżjoni amministrattiva fih nfisha nulla u bla effett fil-liġi. Fil-każ in eżami allura hu ċar illi l-pariri u l-assistenza tal-Kumitat ma kinux essenzjali għad-deċiżjoni ta' l-awtorità kompetenti vestita bil-poter li temani l-liċenzji u n-nuqqas ta' *tali* parir u assistenza jew *difett*, anke fir-rigward tal-kompetenza tal-persuni li jkunu jikkomponuh, bl-ebda mod ma jinfiċċjaw id-deċiżjoni ta' dik l-awtorità;

Din il-konsiderazzjoni twassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni illi anke li kieku, għall-grazzja biss ta' l-argument, jiġi *stabbilit bħala korrett dak li jgħid* l-appellant illi l-Kumitat ma kienx kostitwit skond il-liġi u/jew li kien eżawtorat minħabba li kien skada t-terminu tal-ħatra tal-membri tiegħu, xorta dan waħdu ma seta' qatt ikollu l-ebda effett fuq il-validità tad-deċiżjoni li l-awtorità kompetenti - li ma kinitx dan il-Kumitat - ħadet meta rrifjutat it-talba għall-ħruġ tal-liċenzja. Jiġi ssottolineat illi l-azzjoni mhijiex immirata biex tikkontesta d-deċiżjoni *tal*-Kummissarju *tal-Pulizija bil-liġi vestit b'dak il*-poter. Hu l-eżerċizzju ta' dawk il-poteri li jista' jitqies li hu fil-liġi għemil amministrattiv sindakabbli minn dawn il-Qrati u *mhux* id-deliberazzjonijiet ta' kumitat konsultattiv li ma jiddeċidi xejn imma biss jagħti pariri u assistenza;

Dawn il-konsiderazzjonijiet huma ukoll rilevanti għall-aggravju l-ieħor ta' l-appellant illi t-tliet persuni nnominati fuqu huma l-awtoritajiet stess kompetenti f'dal-pajjiż biex jiddeċidu

fuq il-ħruġ ta' liċenzja taħt eżami u għalhekk ma setgħux ikunu fl-istess ħin "esperti" biex jassistu lilhom infushom. Dan apparti r-*riljev ta' l-appellant fuq in-nuqqas ta' kompetenza allegata tal*-persuni magħżula biex iservu fuq dan il-Kumitat li ċertament din il-Qorti ma għandha l-ebda dritt li tpoġġi fid-dubbju u lanqas tiġġudika dwar dan, kif bl-istess mod ma għandux dritt li jagħmel l-appellant, apparti opinjonijiet personali li jista' jkollu;

*Kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant ma* hemm xejn fl-Ordinanza dwar l-Esplussivi li jimpedixxi n-nomina ta' esperti bil-mod kif ġew innominati fl-Avviżi Legali 90 ta' l-1 ta' Frar, 1985, u l-Avviż Legali 663 tat-30 ta' Diċembru, 1986. Ma hemm xejn x'josta li l-Kmandant tat-*Task Force* u l-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tax-Xogħlijiet jiġu awtorizzati mill-President tar-Repubblika li *jinnominaw* rappreżentant tagħhom fuq dan il-Kumitat. *Multo magis* meta kif fuq irrilevat il-funzjoni ta' dan il-Kumitat ma kinitx waħda deċiżjonali imma biss waħda konsultattiva biex jagħti pariri tekniċi fejn dan ikun meħtieġ. Sewwa jingħad li *mkien fil-liġi mhu rikjest li jintalab parir minn dan il-Kumitat* fuq kull applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja u ċertament imkien fil-liġi ma hemm dispost li l-awtorità kompetenti biex tiddeċidi kellha bilfors taġixxi fuq il-parir u skond il-parir ta' dan il-Kumitat;

Għal dawn il-motivi u ukoll għall-istess raġunijiet dedotti mill-Ewwel Qorti, *l-appell hu miċħud u s*-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.